

- Ir-rikorrenti ma pparteċipatx fil-ksur allegat bejn l-10 ta' April 2008 u s-27 ta' Ottubru 2008.
 - Ir-rikorrenti ma pparteċipat f'ebda ksur fit-28 ta' Ottubru 2008.
 - Ma ġiex ippovvat b'mod suffiċċjenti li r-rikorrenti kienet konxja mill-pjan globali tal-akkordju jew mill-portata ġeneralu u mill-karatteristiċi essenziali tiegħu.
 - Konsegwenzi legali tan-nuqqas tal-Kummissjoni li tiprova l-ksur allegat.
4. Ir-raba' motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni naqset milli tistabbilixxi suffiċċjentement skont il-liġi li hija kellha ġurisdizzjoni sabiex tapplika l-Artikolu 101 TFUE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE.
5. Il-ħames motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni wettqet żbalji manifesti ta' fatt u ta' liġi fil-kalkolu tal-ammont tal-multa u kisret l-obbligu ta' motivazzjoni tagħha.
- Il-Kummissjoni wettqet żbalji ta' fatt u ta' liġi meta kkalkolat l-ammont bażiku u ma mmotivatx id-deċiżjoni tagħha.
 - Il-Kummissjoni naqset milli tuża l-aħjar ċifri disponibbli dwar il-valur tal-bejgħ tar-rikorrenti.
 - Il-Kummissjoni kisret il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament meta kkalkolat l-ammont bażiku.
 - Il-Kummissjoni wettqet żbalji ta' evalwazzjoni meta kkunsidrat il-gravità u c-ċirkustanzi attenwanti.

**Rikors ippreżentat fl-4 ta' Jannar 2016 – Hitachi-LG Data Storage u Hitachi-LG Data Storage Korea vs
Il-Kummissjoni**

(Kawża T-1/16)

(2016/C 098/65)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Hitachi-LG Data Storage, Inc. (Tokyo, il-Ġappun) u Hitachi-LG Data Storage Korea, Inc. (Seoul, ir-Repubblika tal-Korea) (rappreżentanti: L. Gyselen u N. Ersbøll, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

- tnaqqas l-ammont tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti mill-Artikolu 2(d) tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni, tal-21 ta' Ottubru 2015, dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim dwar iż-Żona Enonomika Ewropea, mogħtija fil-Każ AT.39639 – apparat li jaqra d-diski ottiċi, b'mod li jirrifletti c-ċirkustanzi partikolari tal-każ; u
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti jinvokaw żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni kisret il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba u l-obbligu ta' motivazzjoni tagħha billi naqset milli tirrispondi għat-talba tar-rikorrenti skont il-punt 37 tal-linji gwida għall-kalkolu tal-multi imposti skont l-Artikolu 23(2)(a) tar-Regolament Nru 1/2003 ⁽¹⁾ (iktar 'il-quddiem il-“linji gwida għall-kalkolu tal-multi”).
 - Matul il-proċedura amministrattiva quddiem il-Kummissjoni, ir-rikorrenti talbu lill-Kummissjoni tnaqqas l-ammont tal-multa fid-dawl ta’ “ċirkustanzi partikolari” fis-sens tal-punt 37 tal-linji gwida għall-kalkolu tal-multi. It-tim tal-Kummissjoni inkarigat mill-fajl ma rrispondiex għal din it-talba u l-Kummissjoni ma indirizzathiekk fid-deċiżjoni tagħha. Ir-rikorrenti għandhom jassumu li d-dipartimenti tal-Kummissjoni jew assolutament ma evalwawx it-talba tagħhom jew li ma kkondividewx tali evalwazzjoni mal-kumitat konsultattiv u mal-kullegġġ tal-kummissarji għall-eżami mill-ġdid tagħhom. Konsegwentement, ma jistax jiġi eskuż li, kieku seħħ dan l-eżami mill-ġdid, il-multa li finalment ġiet imposta fuq ir-rikorrenti setgħet kienet iktar baxxa. Il-Kummissjoni għalhekk kisret il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba u l-obbligu ta' motivazzjoni tagħha.
2. It-tieni motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-Kummissjoni żbaljat meta naqset milli teskludi l-metoloġija prevista fil-linji gwida għall-kalkolu tal-multi bil-għan li tnaqqas il-multa imposta fuq ir-rikorrenti fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ u tar-rwol tar-rikorrenti. Iċ-“ċirkustanzi partikolari” fis-sens tal-punt 37 tal-linji gwida għall-kalkolu tal-multi huma dawn li ġejjin:
 - ir-rikorrenti, li l-parti l-kbira tad-dħul tagħhom toriġina minn prodott wieħed (apparat li jaqra d-diski ottiċi), iddiversifikaw in-negozju tagħhom fl-2014, is-sena użata mill-Kummissjoni bħala sena ta' referenza għall-kalkolu tal-limitu massimu ta' 10 % previst fl-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003;
 - ir-rikorrenti huma l-uniċi fost il-kumpanniji li ġew immultati li baqgħu joperaw fis-suq tal-apparat li jaqra d-diski ottiċi u l-livell tal-multa imposta fuqhom ser tippreġudika l-kapaċitā tagħhom li jservu l-konsumaturi f'dan is-suq b'mod sostenibbli; u
 - ir-rikorrenti jaffaċċjaw sitwazzjoni finanzjarja prekarja, filwaqt li fl-istess ħin jagħmlu sforzi sinjifikattivi sabiex jegħlbu d-diffikultajiet finanzjarji tagħhom.

⁽¹⁾ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003, tas-16 ta' Diċembru 2002, fuq l-implementazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitulu 8, Vol. 2, p. 205).

Rikors ippreżentat fis-7 ta' Jannar 2016 – Awg Allgemeine Warenvertriebs vs UASI – Takko (Southern Territory 23°48'25"S)

(Kawża T-6/16)

(2016/C 098/66)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Awg Allgemeine Warenvertriebs GmbH (Köngen, il-Ġermanja) (rappreżentanti: T. Sambuc, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Takko Holding GmbH (Telgte, il-Ġermanja)